## Dan ix-xahar żewġ festi tal-Madonna

### IT-TWELID TA' MARIJA BAMBINA

Il-festa tat-Twelid ta' Marija fit-8 ta' Settembru hi waħda mill-festi




Marjani l-iktar antiki. Aktarx li l-bidu tagħha hu marbut mal-jum li fih ġiet iddedikata l-bażilika ta' Sant'Anna f'Ġerusalemm li nbniet fil-post fejn jingħad li kien hemm id-dar ta' San Ġwakkin u Sant'Anna fejn twieldet il-Verġni Marija. L-ismijiet tal-ġenituri u r-rakkont tat-twelid ta' Marija ma nafuhomx mill-kotba tal-erba' Evanġelisti imma mill-kitbiet tal-Protovanġelu ta' Ġakbu li hu meqjus bħala ktieb apokrifu (jiġifieri li mhux fost il-kotba ispirati minn Alla u li ma ġiex magħżul biex ikun parti mill-Bibbja).

F'Ruma l-festa tat-8 ta' Settembru ħadet ċertu importanza flimkien ma' tliet festi Marjani oħra bis-saħħa tal-Papa Serġju I bejn is-snin 687 u 701; it-2 ta' Frar, festa tal-Purifikazzjoni ta' Marija fit-Tempju; il-25 ta' Marzu, festa tat-Tħabbira tal-Anġlu Gabrijel lil Marija, u l-15 ta' Awwissu, festa ta' Tlugħ is-Sema ta' Marija.

F'Malta din il-festa ħadet importanza kbira għax ma' dan il-jum intrabtet ir-rebħa ta' tliet assedji kbar: l-Assedju l-Kbir kontra l-Imperu Ottoman fis-sena 1565, it-tmiem tal-Assedju tal-Belt Valletta kontra l-Franċiżi fis-sena 1800, u l-irtirar tat-Taljani mit-Tieni Gwerra Dinjija fis-sena 1943 b'mod li waqfu l-bumbardamenti Nażisti fuq Malta.

Ejjew mela **f'dan il-jum tat-Twelid ta' Marija, nipparteċipaw fil-Quddiesa tal-Ħadd u nitolbu b'mod speċjali għall-paċi f'pajjiżna u għad-don tas-sliem fil-familji tagħna,** hekk li nħallu lil Marija tidħol fi djarna u tgħallimna ngħożżu u napprezzaw lil xulxin kif iridna binha Ġesù.

### MARIJA ADDOLORATA

Min-naħa l-oħra l-festa tal-Madonna tad-Duluri fil-jum tal-15 ta' Settembru xterdet fil-pajjiżi ta' madwar il-Mediterran sa mis-seklu 11. Imma kien il-Papa Piju VII li fis-sena 1814 daħħalha fil-kalendarju liturġiku Ruman, dritt wara l-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes li kien daħħal ukoll il-Papa Serġju I flimkien mal-erba' festi Marjani li semmejna qabel. L-ikbar xhieda ta' din id-devozzjoni huwa l-innu *Stabat Mater* li jingħad li nkiteb minn Jacopone ta' Todi (1230-1306). Il-Papa Innoċenzu XII fl-1714 mexxa din il-festa għall-jum tal-Ġimgħa qabel Ħadd il-Palm, u mbagħad Piju X fl-1914 reġġagħha lura għall-15 ta' Settembru.




F'Malta d-devozzjoni lejn Marija Addolorata baqgħet b'saħħitha tant li bqajna niċċelebrawha f'dawn iż-żewġ mumenti tul is-sena. Il-parroċċa tagħna wkoll baqgħet iżżomm dawn iż-żewġ dati u tiċċelebra t-tifkira u l-eżempju ta' Marija Addolorata permezz ta' purċissjoni bl-istatwa devota tagħha.

Għalhekk **nhar il-Ħadd 15 ta' Settembru, nistednukom tiġu tgħixu din it-tifkira liturġika tad-Duluri ta' Marija, permezz tal-Quddiesa fil-5.00pm u wara nieħdu sehem f'purċissjoni qasira li tintemm bil-barka sagramentali fil-knisja.**

AVVIŻ - SCHOOL GRANNIES: Persuni 'l fuq minn 60 sena interessati jgħinu lit-tfal tal-iskola fid-dħul u fil-ħruġ, għandhom ikellmu lill-Kunsill Lokali. Grazzi.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am